



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Frar 2021
(OR. en)

6080/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0034 (NLE)

UK 38

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data li fiha għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja taħt il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa,
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tad-data li fiha għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja
taħt il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/2252¹ dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra² (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”), u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata³ (il-“Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni”) (flimkien imsejħin il-“Ftehimiet”).
- (2) Il-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni huwa ftehim supplimentari għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, marbut intrinsikament ma' dan tal-aħħar b'mod partikolari fir-rigward tad-dati tad-dħul fis-seħħ u tat-terminazzjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tat-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2).

² It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1463.

- (3) Taħt l-Artikolu 12(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/2252, u kif miftiehem mill-Partijiet fil-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni, il-Ftehimiet japplikaw fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2021, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom .
- (4) Skont fil-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni, l-applikazzjoni proviżorja għandha tieqaf f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema minnhom tiġi l-ewwel: it-28 ta' Frar 2021 jew data oħra kif deċiż mill-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Artikolu INST.1 [Kunsill ta' Sħubija] tal-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni (il-“Kunsill ta' Sħubija”); jew l-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.
- (5) Minħabba ż-żmien meħtieġ mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jiskrutinizzaw b'mod adegwat it-testi tal-Ftehimiet f'kull waħda mill-24 lingwa awtentika, l-Unjoni mhijiex se tkun tista' tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni sat-28 ta' Frar 2021.

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jistabilixxi data aktar tard meta tieqaf l-applikazzjoni proviżorja, b'kont meħud tad-data meta l-24 verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Ftehimiet ikunu ġew riveduti u stabbiliti bħala awtentiċi u definittivi. Fid-dawl tad-data prevista għad-disponibbiltà ta' dawk il-verżjonijiet awtentiċi u definittivi tal-Ftehimiet, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jiffissa t-30 ta' April 2021 bħala d-data meta tieqaf l-applikazzjoni proviżorja.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tas-Sħubija.
- (8) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Artikolu INST.1 [Kunsill ta' Sħubija] tal-Ftehim ta' Kummerç u Kooperazzjoni, fir-rigward ta' deċiżjoni li għandha tittieħed f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI NRU 1/2021

**TAL-KUNSILL TAS-SĦUBIJA STABBILIT MILL-FTEHIM TA' KUMMERĊ U
KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA
ATOMIKA, MINN NAĦA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA
U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,**

ta' ...

**fir-rigward tad-data li fiha għandha tieqaf l-applikazzjoni
proviżorja taħt il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni**

IL-KUNSILL TAS-SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tiegħu,

Billi:

- (1) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”), il-Partijiet qablu li japplikaw b'mod proviżorju l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 dment li qabel dik id-data jkunu nnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti interni rispettivi tagħhom u l-proċeduri meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja tlestew. L-applikazzjoni proviżorja għandha tieqaf f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema tiġi l-ewwel: 28 ta' Frar 2021 jew data oħra kif deċiż mill-Kunsill tas-Sħubija; jew l-ewwel jum tax-xahar wara dak li fiha iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.
- (2) Minħabba li l-Unjoni Ewropea mhijiex se tkun tista', minħabba rekwiżiti proċedurali interni, tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni sat-28 ta' Frar 2021, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jiffissa t-30 ta' April 2021 bħala d-data li fiha għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja skont il-punt (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU UE L 444, 31.12.2020, p. 14.

Artikolu 1

Id-data li fiha għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja skont il-punt (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu FINPROV.11 [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni għandha tkun it-30 ta' April 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill tas-Sħubija

Il-Kopresidenti
